

II

(Atti mhux legiſlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJJIET TAL-ISTATI MEMBRI
TAL-UNJONI EWROPEA, IMLAQQA' FI ĦDAN IL-KUNSILL,

tal-24 ta' Ġunju 2010

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jemenda l-ftehim dwar it-trasport bl-ajru
bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
min-naħa l-oħra**

(2010/465/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJJIET TAL-ISTATI MEMBRI IMLAQQA' FI ĦDAN IL-KUNSILL,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi

- (1) Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit fil-25 u t-30 ta' April 2007 (minn issa "il-Ftehim"), inkluda obbligu fuq iż-żewġ partijiet biex jidħlu f'negozjati tat-tieni stadju.
- (2) B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwiet u ssuċċediet il-Komunità Ewropea.
- (3) Il-Kummissjoni nnegozjat fisem l-Unjoni u l-Istati Membri Protokoll biex jiġi emendat il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru (minn hawn 'il quddiem, il-"Protokoll") skont l-Artikolu 21 ta' dak il-Ftehim.
- (4) Il-Protokoll ġie inizjalat fis-25 ta' Marzu 2010.
- (5) Il-Protokoll huwa kompletament konsistenti mal-legiſlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet.
- (6) Il-Protokoll innegozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi iffirmit u applikat proviżorjament mill-Unjoni u l-Istati

Membri, safejn huwa permiss taħt il-liġi domestika, soġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard.

- (7) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti proċedurali sabiex jiġi deċiż, jekk ikun xieraq, kif titwaqqaf l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim u jittieħdu miżuri skont l-Artikolu 21(5) tal-Ftehim kif emendat bil-Protokoll. Jeħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti arranġamenti proċedurali għas-sospensjoni tar-rikonoxximent reċiproku tad-determinazzjonijiet regolatorji fir-rigward taċ-ċittadinanza u l-adegwatezza tal-linja tal-ajru skont l-Artikolu 6bis(2) tal-Ftehim kif emendat bil-Protokoll u għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim, inkluż dawk li jikkonċernaw l-ambjent skont l-Artikolu 15(5) tal-Ftehim kif emendat bil-Protokoll.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Iffirmar uapplikazzjoni proviżorja

1. L-iffirmar tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim tat-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll"), huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

2. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll fisem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

3. Sad-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Protokoll għandu jkun applikat fuq bażi proviżorja mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, safejn huwa permiss skont il-liġi domestika, mid-data tal-iffirmar.

4. Deċiżjoni sabiex titwaqqaf l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll u sabiex tingħata notifika ta' dan lill-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu 9(2) tal-Protokoll, u deċiżjoni sabiex tiġi rirata tali notifika, għandhom jittieħdu mill-Kunsill, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri, waqt li jaġixxi b'unanimità skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat.

Artikolu 2

Sospensjoni tar-rikonoxximent reċiproku

Deċiżjoni biex jiġi sospiż ir-rikonoxximent reċiproku tad-determinazzjonijiet regolatorji fir-rigward tal-adegwatezza tal-linja tal-ajru u ċ-ċittadinanza sabiex l-Istati Uniti tiġi informata b'dan skont l-Artikolu 6bis (2) tal-Ftehim kif emendat bil-Protokoll għandha tittieħed mill-Kunsill, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri, li jaġixxi b'unanimità skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat.

Artikolu 3

Kumitat Konġunt

(1) L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom ikunu rappreżentati fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 18 tal-Ftehim kif emendat bil-Protokoll minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

(2) Għal materji li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni u li ma jeħtiġux l-adozzjoni ta' deċiżjoni li għandha effett legali, il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fi ħdan il-Kumitat Konġunt għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni u għandha tiġi notifikata bil-quddiem lill-Kunsill u lill-Istati Membri.

(3) Għal deċiżjonijiet li jikkonċernaw materji li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni u mill-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat Konġunt għandha tiġi adottata mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, sakemm il-proċeduri applikabbli ta' votazzjoni stabbiliti fit-Trattat ma jipprovdur mod ieħor.

(4) Għal deċiżjonijiet li jikkonċernaw materji li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha fi ħdan il-Kumitat

Konġunt għandha tiġi adottata mill-Kunsill, li jaġixxi b'unanimità, fuq proposta mill-Kummissjoni jew minn kwalunkwe Stati Membru, ħlief jekk Stat Membru jkun informa lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fi żmien xahar mill-adozzjoni ta' dik il-pożizzjoni, li huwa jista' jagħti l-kunsens biss għad-deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Kumitat Konġunt bil-qbil tal-korpjiet leġiżlattivi tiegħu, notamment minħabba riżerva ta' skrutinju parlamentari.

(5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat Konġunt għandha tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni, ħlief f'materji li jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tal-Istati Membri, f'liema każ hija għandha tiġi ppreżentata mill-Presidenza tal-Kunsill jew, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, mill-Kummissjoni.

Artikolu 4

Deċiżjonijiet skont l-Artikolu 21(5) tal-Ftehim

Deċiżjoni biex il-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra ma jingħatalhomx permess li joperaw frekwenzi addizzjonali jew li jidħlu fi swieq ġodda skont il-Ftehim u sabiex tingħata notifika ta' din lill-Istati Uniti tal-Amerika, jew biex jinqabel li titneħħa kwalunkwe deċiżjoni bħal din, meħuda skont l-Artikolu 21(5) tal-Ftehim kif emendat bil-Protokoll, għandha tiġi adottata mill-Kunsill, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri, waqt li jaġixxi b'unanimità skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat.

Artikolu 5

Tagħrif lill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jinformat minnufih lill-Kummissjoni rigward kwalunkwe talba jew notifika magħmula minnhom jew li tasal għandhom skont l-Artikolu 15 tal-Ftehim kif emendat bil-Protokoll.

Magħmula fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BLANCO LÓPEZ